

*Mitejn Sena Ilu fil-Belt Pinto:*
# Ħal Qormi u l-Pesta tal-1813/1814

**Dr Joseph F. Grima**

Epidemija tal-pesta li faqqgħet f'Malta fl-1813 ħalliet ħerba sħiħa warajha, u dan mhux biss minħabba n-numru sostanzjali ta' mejtin, iżda l-aktar għax sfrattat għal kollox il-ġid ekonomiku li kienet qed tgawdi Malta f'dak iż-żmien u kellhom jgħaddu snin kbar qabel il-pajjiż seta' jerġa' jiġi lura fuq saqajh wara snin ta' għaks. Ħal Qormi kien l-aktar lokalità li sofra, bl-akbar numru ta' mwiet flimkien ma' tbatija ta' madwar 15-il xahar qabel intemmet l-epidemija.

Fid-19 ta' April 1813 kien hemm l-ewwel każ ta' mewt fil-Belt Valletta iżda f'Ħal Qormi l-ewwel vittma mietet kważi xahar wara, fit-18 ta' Mejju 1813: miet tifel ta' 12-il sena li kien jismu Ġorġ Grech. Kien l-ewwel wieħed min-numru kbir ta' madwar 740 Qormin li huma magħrufin li mietu kaġun tal-pesta f'sena u tliet xhur. Ħal Qormi bata' qatigħ tul dawn ix-xhur bir-raħal maqtugħ minn kulħadd u kullimkien b'ħajt u għassiesa armati biex ma jkun hemm ebda kuntatt mal-bqija tal-gżira. Ovvjament, dan sar biex tkun kontrollata l-firxa ta' l-epidemija iżda kien ifisser ukoll li Ħal Qormi sar qisu lazzarett.

Lill-morda żammewhom għalihom f'lok partikolari u mifrudin min-nies li ma kinux infettati biex, kemm jista' jkun, il-mard ma jinxteridx. Dan il-lok maż-żmien ingħata l-isem ta' Triq il-Barrakki għax hekk – barrache bit-Taljan – kienu jsejħulhom dawk il-postijiet fejn kienu jżommu l-morda iżolati għalihom. Kienu wkoll jagħmlu kmamar tal-injam għall-infettati, magħrufin ukoll bħala barrakki, a spejjeż tal-gvern. Fil-każ ta' Ħal Qormi, l-ispiża kienet laħqet 95 skud u 2 tarì għall-imsiemer biss, b'piż totali ta' 190 ratal ta' tliet qisien differenti; ma' din in-nefqa nżidu wkoll 1200 skud oħra għax-xiri ta' materjal għall-barrakki stess mingħand in-negozju Francesco Lavoratori.

Il-gvern kien jipprovdi wkoll karru b'kaxxa magħluqa fuq erba' roti, magħruf bħala cassa, biex bih jittrasportaw lill-mejtin għaċ-ċimiterju, u karru ieħor (imsejjaħ cassa wkoll) fuq żewġ roti ħalli fuqu jġorru il-ħwejjeġ u l-effetti personali l-oħra tal-mejtin biex jeqirduhom permezz ta' ħruq. Għal dan il-għan kienu jqabbdu mastrudaxxa, ħaddied u buttar biex jaħdmu x-xogħol u jipprovdu l-materjal meħtieġ. Għal Ħal Qormi tqabbdu l-mastrudaxxa Giovanni Fenech, il-ħaddied Michele Cordina u l-buttar Nicola Mercieca li ma nafux minn fejn kienu. Forsi kienu Qormin u forsi le. Mill-kontijiet dettaljati li jeżistu, nsibu li l-cassa tal-mejtin qamet 285 skud u 10 tarì u l-karru l-ieħor sewa 106 skudi. Il-mastrudaxxa tħallas ukoll 8 skudi għall-arneż tal-bagħal li kien jiġbed

iż-żewġ karrijiet flimkien ma' 23 skud u 6 tarì għal żewġ karretti żgħar biex jinġabar il-ħmieġ li kien hemm fit-toroq.

Kuljum, il-Gvern Ċentrali kien jippubblika lista ta' każijiet ġodda ta' mard u tal-mejtin u minnhom hawnhekk ser nisiltu ż-żjieda tal-każijiet f'Ħal Qormi bejn Mejju u Novembru tal-1813:

| Xahar | Każijiet Ġodda | Imwiet |
|---|---|---|
| Mejju | 3 | 2 |
| Ġunju | 58 | 56 |
| Lulju | 88 | 118 |
| Awwissu | 81 | 141 |
| Settembru | 73 | 179 |
| Ottubru | 58 | 84 |
| Novembru | 26 | 16 |

Ninnutaw li, wara Settembru, in-numru ta' każijiet naqsu. B'kollox, skond dawn is-sorsi uffiċjali, f'dawn is-seba' xhur mietu 596 ruħ. Aktar minn 140 oħrajn mietu sa Lulju tal-1814.

Tagħrif dwar dawn il-mejtin insibuh ukoll fir-reġistru parrokkjali tal-Parroċċa San Ġorġ fejn tniżżlu l-ismijiet ta' 723 persuna li mietu bil-pesta bejn it-18 ta' Mejju 1813 u t-12 ta' Marzu 1814. Iżda magħhom irridu nżidu oħrajn, madwar 17-il persuna b'kollox, li mietu wara Marzu 1814: 3 f'April, 5 f'Mejju, 6 f'Ġunju, u 3 f'Lulju. Minħabba f'hekk, ma kienx qabel id-9 ta' Awissu 1814 li Ħal Qormi ġie uffiċċjalment dikjarat ħieles mill-pesta billi ngħata l-pratica u seta' jitkanta Te Deum ta' ringrazzjament fil-knisja parrokkjali. Hu kkalkulat li f'Malta mietu total ta' madwar 4660 persuna f'din l-imxija.

Jekk nikkalkulaw li, fl-ewwel xhur tal-1813, Ħal Qormi kellu popolazzjoni ta' madwar 4,500 ruħ, allura ġew mietu madwar 16% mill-Qormin, fosthom żewġ qassisin, tabib u kirurgu. Ħlief għal 54 persuna minn Ħal Qormi li mietu fil-lazzarett tal-Gżira Manoel fil-Port ta' Marsamxett, il-vittmi l-oħrajn Qriema ta' din l-epidemija tista' tgħid li kollha ndifnu f'ċimiterju ġdid u sempliċi li sar appositament għal dan il-għan bejn Wied is-Sewda u Triq il-Belt Valletta. Fir-reġistri parrokkjali tal-mejtin il-kappillani kienu jniżżluh bħala l-Infetti ta' Triq Valletta u, għaldaqstant, baqa' magħruf min-nies bħala l-Infetti. Għaddew bosta snin u mbagħad reġa beda jintuża fl-1937 meta ma baqax isir id-dfin tal-mejtin fil-knisja parrokkjali u ċ-ċimiterju li kien hemm madwarha (li kien magħruf bħala ċ-Ċimiterju tar-Rixtellu). Illum dan iċ-ċimiterju tal-infetti inbidel f'wieħed kbir u sabiħ bl-isem ta' Ċimiterju tar-Resurrezzjoni iżda, għal min jaf u jinteressa ruħu fl-istorja ta' raħal twelidu, jibqa' wkoll tifkira tax-xhur koroh li għadda minnhom Ħal Qormi fl-1813/14.

Iżda f'Ħal Qormi, jezistu żewġ tifkiriet oħrajn, it-tnejn votivi, li jfakkruna f'din l-imxija partikolari. Fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ hemm lampier tal-fidda, datat 1815, li jintrama fil-kor tul il-jiem tal-festa titulari u li fuqu hemm skrizzjoni bil-Latin li tfakkar din il-grajja tal-1813/14. Barra minn dan, f'lok li dak iż-żmien kien wieħed mit-truf tar-raħal, il-Qormin waqqfu statwa sabiħa u espressiva ta' San Sebastjan, protettur kontra l-pesta, b'ringrazzjament talli din il-marda qerrieda waqqfet. Hi xogħol ta' l-aħwa Ċikku u Ġlormu Fabri mill-Birgu u tbierket mill-Kappillan (aktar tard Professur)

Dun Pietru Pawl Psaila fl-1815. Illum din l-istatwa ċertament m'għadhiex f'tarf ir-raħal u kellu jkun minnha, fuq suġġeriment tal-Kappillan Dun Alwiġ Ellul (li mexxa l-parroċċa mill-1867 sal-1888) li ħarġet id-dedika tal-knisja li nbniet biswitha fl-1880-90 u l-isem tat-tieni parroċċa qormija fl-1936. Ħaġa oħra li tfakkarna fil-pesta b'mod ġenerali, li nsibuha fil-mużew parrokkjali ta' San Ġorġ, hu mqass b'manku twil li kienu jużawh biex iqarbnu l-morda infettati mingħajr ma jsir kuntatt fiżiku magħhom.





*Il-lampier tal-fidda li sar fl-1815*


GORDON'S
DISCOUNT STORE

Għal Frott u Ħaxix Friski Kuljum.
Groceries & Detergents.



St. Bartholomew Street,
Qormi

Mob: 9940 9065

Aħna noffru li nwaslu x-xirja b'XEJN